**Deċiżjoni mogħtija mill-iSpeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 325 tas-16 ta' Novembru 2015 dwar punti mqajma mill-Onorevoli Robert Cutajar dwar il-mistoqsijiet parlamentari numri 20748 u 20749 fis-Seduta 323 tad-9 ta' Novembru 2015**

Fis-Seduta 323 tad-9 ta' Novembru 2015, l-Onor. Robert Cutajar ġibed l-attenzjoni tas-Sedja għal numru ta' tweġibiet li ngħataw għal mistoqsijiet tiegħu dwar il-bini ta' *hub* għal persuni b'diżabilità fin-Naxxar, u nikkwota

> "**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Mr Speaker, xtaqt direzzjoni dwar żewġ mistoqsijiet parlamentari li saru għas-seduta tal-lum. L-ewwel waħda hija mistoqsija parlamentari numru 20749 "*Hub* għal persuni b'diżabilità". F'din il-mistoqsija jien tlabt li jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra *site plan*. Il-Ministru naqas milli jagħmel hekk. Però f'domanda oħra qal li bħalissa għaddej proċess ta' validazzjoni fi ħdan il-MEPA. Wieħed jifhem li ladarba daħlet applikazzjoni quddiem il-MEPA, is-*site plan* jeżisti imma ma ġiex ippreżentat.
>
> F'domanda oħra numru 20748 jien tlabt lill-Ministru kkonċernat biex jgħid liema mudell jew kunċett se jkun implimentat fil-*hub* għal persuni b'diżabilità li ssemma fl-aħħar Baġit u l-Ministru qal li d-dettalji diġà ngħataw fi stqarrija fuq il-mezzi tal-*media*. Jidhirli li kien hemm deċiżjoni minn din il-Kamra li dawn it-tip ta' dokumenti...
>
> **MR SPEAKER:** Grazzi. Is-Sedja se tieħu nota u se tinforma lill-Kamra wara li tagħmel l-istħarriġ tagħha."

Is-Sedja mill-ewwel se tagħmel referenza għal numru ta' deċiżjonijiet preċedenti, fosthom dawk li ngħataw fis-Seduta 205 tal-24 ta' Marzu 2010, fis-Seduta 34 tal-24 ta' Ġunju 2013 u fis-Seduta 191 tas-27 ta' Ottubru 2014, meta kienet irrimarkat li minkejja li l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra jirregolaw f'ċertu dettall l-għemil ta' interpellanzi, huma għal kollox siekta dwar it-tweġibiet li jingħataw. Dan wassal lis-Sedja biex tirritjeni li hi m'għandha l-ebda mansjoni fuq it-tweġibiet li jagħtu l-Ministri għall-mistoqsijiet parlamentari. Fid-deċiżjonijiet tagħha s-Sedja kienet ukoll ikkonfortata minn dak li jgħid l-Erskine May (24 Edizzjoni) f'paġna 447 u nikkowta:

> "*It is the responsibility of the government and not of the Chair to see that documents which may be relevant to debates are laid before the House and are available to Members*."

Din is-sitwazzjoni tibqa' hekk dejjem sakemm ikun hemm, jekk xi darba se jkun hemm, Standing Order li tgħid x'għandha tkun ir-risposta u kif għandha tiġi kkwalifikata r-risposta meta Ministru jkun qed iwieġeb domanda parlamentari. Fil-fatt, f'dokument riċenti maħruġ mill-Assemblea tal-Irlanda ta' Fuq, intitolat *Research and Information Service Research Paper: Parliamentary/Assembly Questions* datata 31 ta' Awwissu 2011, jingħad b'mod ċar illi fl-assenza ta' Standing Orders li jitkellmu fuq dan is-suġġett, il-President tal-Kamra, l-iSpeaker, m'għandu l-ebda mansjoni biex jindaħal u jżid jew jordna ma' dak li jkun qed jingħata mill-Ministru kkonċernat. In-Northern Ireland Assembly hija l-unika Leġiżlatura fir-Renju Unit fejn l-iStanding Orders tal-istess Assemblea jitkellmu dwar il-kontenut tar-risposta ministerjali, u nikkwota mill-iStanding Order relevanti, ċjoè Standing Order 19(5):

> "*A question must be answered as clearly and as fully as possible*"

Għalhekk, meta għandek nuqqas ċar fl-iStanding Orders dwar dan, l-iSpeaker ma jistax iżid jew jipprova jnaqqas, jew jitlob aktar spjegazzjoni fuq risposta ministerjali.

Madankollu jrid jingħad ukoll li f'numru ta' okkażjonijiet is-Sedja appellat sabiex sa fejn huwa possibbli l-Membru Parlamentari jiġi pprovdut bl-informazzjoni mitluba jew ipprovdut b'direzzjoni dwar kif jista' jasal għal dik l-informazzjoni pubblika li tkun ġiet mitluba.

Għaldaqstant is-Sedja issa se tgħaddi biex tikkonsidra l-ewwel punt imqajjem mill-Onor. Cutajar meta rrefera għat-tweġiba li ngħatat mill-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali għall-mistoqsija parlamentari tiegħu numru 20749 dwar bini ta' *hub* għal persuni b'diżabilità fin-Naxxar, li tgħid hekk:

> **"20749. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra impressjoni artistika tal-proġett ta' *hub* għall-persuni b'diżabilità u jinkludi wkoll *site plan* tal-post fejn se jsir dan il-proġett?
>
> **ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, il-Ministeru flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għall-Persuni b'Diżabilità, għadu għaddej bix-xogħol fuq dan il-proġett u għaldaqstant għadu kmieni biex wieħed ipoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra dokumenti relatati mal-*hub* inkwistjoni."

F'dan il-każ, l-Onor. Cutajar irrimarka li peress li f'mistoqsija oħra relatata mas-suġġett il-Ministru qal li l-applikazzjoni għall-bini ta' *hub* għal persuni b'diżabilità fin-Naxxar għadha fi stadju ta' validazzjoni, huwa kkonkluda li allura s-*site plan* jeżisti u minkejja dan ma ġiex ippreżentat lill-Kamra. Is-Sedja tifhem li l-Onor Cutajar kien qed jirreferi għat-tweġiba li ngħata għall-mistoqsija parlamentari numru 20,750 fl-istess seduta u nikkowta:

> **"20750. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju waslet l-applikazzjoni għall-bini ta' *hub* għall-persuni b'diżabilità fin-Naxxar quddiem l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li saret referenza għalih fl-aħħar diskors tal-baġit?
>
> **ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-applikazzjoni għall-bini ta' hub għall-persuni b'diżabilità fin-Naxxar għadha fi stadju ta' validazzjoni."

Minn stħarriġ li għamlet is-Sedja direttament mal-MEPA, jirriżulta li l-inkartament li jiġi sottomess ma' applikazzjoni ma jiġix res pubbliku qabel ma jkun għadda l-istadju ta' validazzjoni. Għaldaqstant, is-Sedja qiegħda tifhem li d-dokumenti mitluba mill-Onor. Cutajar jsiru aċċessibbli għall-Onorevoli Membru hekk kif jgħaddi dan l-istadju.

Is-Sedja issa se tgħaddi għat-tieni domanda li saret referenza għaliha mill-Onor Robert Cutajar u ċjoè, il-mistoqsija parlamentari numru 20748 u nikkwota:

> **"20748. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali: Jista' l-Ministru jindika taħt liema mudell/kunċett se jkun qed

jinbena u effettivament jiġi operat/imħaddem il-proġett ta' *hub* għall-persuni b'diżabilità fin-Naxxar?

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dettalji dwar il-kunċett/mudell diġà ngħataw fi stqarrijiet li saru fuq il-mezzi tax-xandir. Dettalji ulterjuri se jkunu qegħdin jingħataw iktar 'il quddiem."

Is-Sedja se terġa' tagħmel referenza għar-*ruling* tal-iSpeaker Louis Galea mogħti fis-Seduta 205 tal-24 ta' Marzu 2010 kif ukoll għad-deċiżjoni mogħtija minnha fis-Seduta 191 tas-27 ta' Ottubru 2014 meta sar aċċenn għal risposti li jirreferu lil Membru għal informazzjoni f'dokument pubbliku li jista' jkun stampat jew ippubblikat fuq sit elettroniku. Nibda billi nikkwota mid-deċiżjoni mogħtija mill-iSpeaker Galea:

> "Fil-prattika tal-House of Commons mistoqsijiet għal tweġibiet bil-miktub ġieli jkunu mwieġba billi l-Membru jiġi riferut għal xi dokument ippubblikat, sew jekk diġà mqiegħed fuq il-Mejda u sew jekk le. Però huwa rikonoxxut li anke fejn it-tagħrif mitlub huwa aċċessibbli xi mkien ieħor, id-dipartimenti tal-gvern huma mistennija li jgħinu kemm jistgħu biex il-Membri jkollhom tweġibiet għall-mistoqsijiet tagħhom."

Dan l-argument ġie kkonfermat u msaħħaħ bid-deċiżjoni tas-Sedja tas-27 ta' Ottubru 2014 meta żiedet tgħid hekk:

> "Ta' min wieħed jinnota li dan qiegħed isir f'Parlament fejn ir-regoli tiegħu jipprekludu milli ssir talba għal informazzjoni li hija diġà pubblika u hawn nikkwota minn paġna 362 tal-Erskine May (24 Edizzjoni):
>
> > *"Moreover, questions requiring information set forth in accessible documents (such as statutes, treaties etc), have not been allowed when the Member concerned could obtain the information of his own accord without difficulty.*""

Għaldaqstant, is-Sedja, filwaqt illi ssostni illi ma għandha l-ebda mansjoni fuq il-kontenut tat-tweġibiet mogħtija għall-mistoqsijiet parlamentari, ittenni l-appell li sar drabi oħra mis-Sedja, anke fid-deċiżjoni hawn fuq ċitata, u ċjoè li Ministru għandu jitlob lid-dipartimenti jew aġenziji li jaqgħu taħtu li jirrikorru għal dawn it-tipi ta' tweġibiet biss meta jkun ġustifikat u li f'każ li l-informazzjoni tkun tista' tinkiseb minn fuq sit elettroniku huwa dejjem rakkomandabbli li titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra kopja stampata tad-dokument u dan biex il-Kamra jkollha rekord tal-informazzjoni mogħtija. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-Membru Parlamentari għandu dejjem jiġi pprovdut b'direzzjoni dwar kif ikun jista' jasal hu għal dik l-informazzjoni pubblika rikjesta.